MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Numru 263/2011

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri
Spettur Anthony Cachia)

vs

Etienne Camilleri
Samuel Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita numru 104277M u 434286M rispettivament, akkuzati b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

1. nhar is-27 ta' Ottubru 2010, ghall-habta ta' 11:15hrs minn Handaq Industrial Estate li tinsab fi Triq Tal-Handaq, Qormi ikkommettew serq ta' diesel li il-valur tieghu huwa

ta’ madwar 388 Ewro liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedi l-232.93 Ewro u bix-xorta tal-haga misruqa ghad dannu ta’ Franco Vella u/jew Exprexx Trailers Limited.

2. nhar is-27 ta’ Ottubru 2010, ghall-habta ta’ 13:30hrs minn Triq il-Hortan Marsaskala kkommettew serq ta’ zewg cilindri tal-gass li il-valur taghhom huwa ta’ 50 Ewro liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz li ma jeccedix l-232.93 Ewro ghad dannu ta’ Godfrey Formosa.

3. nhar is-27 ta’ Ottubru 2010, ghall-habta ta’ bejn 07:30hrs u 16:30hrs minn Triq Likama Marsaskala kkommettew serq ta’ sitt cilindri tal-gass li il-valur taghhom huwa ta’ 175 Ewro liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz li ma jeccedix l-232.93 Ewro ghad-dannu ta’ Oliver Paul Pace

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 et.sequitur tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
L-imputati huma mixlija b’serq, proprjament tlett serqiet li ghalkemm twetqu fl-istess gurnata saru f’hinijiet differenti. Il-fatt jirrisali ghal jum tas-27 ta’ Ottubru 2010. Mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-valuri f’kull serqa kienu relattivament zghar u l-iskop kien biex tinxtara droga ghall-uzu personali taghhom. Wara li semghet it-trattazzjoni u rat l-Artikolu 261(b)(c)(g), 264, 267, 271(g), 278 u 17(b) tal-Kap 9. Osservat li l-imputat Samuel Borg gia’ qieghed isegwi programm ta’ rjabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga waqt li l-imputat l-iehor esprima li jrid

jaghmel programm, hi l-fehma tal-Qorti nonostante l-fedina penali rfrattarja taghhom, li tikkoncedilhom opportunita’ ‘l barra minn piena karcerarja li biha u awspikat iwarrbu l-vizzju tad-droga. Ghaldaqstant, tapplika kontra taghhom l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tqeghdhom taht il-harsien ta’ Ufficjal tal-Probation ghal zmien tlett snin mill-lum, bil-kundizzjoni specifika izda mhux limitata, li jissottoponu ghal test tal-urina kull darba li jigu hekk rikjesti mill-Ufficjal tal-Probation u li l-imputat Samuel Borg jittermina b’success l-programm li qieghed isegwi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------